Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,702, 20 ta' Settembru, 2021
Taqsima B

A.L. 368 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 6)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina (Emenda Nru 6) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 13.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2021.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 2 tar-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

" Kull persuna li tasal f'Malta minn kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li ġejjin ma għandhiex tkun meħtieġa li tissottometti ruħha għal perjodu ta' kwarantina mal-wasla tagħha f'Malta kemm-il darba, mal-wasla tagħha f'Malta, ikollha fil-pussess tagħha ċertifikat tat-tilqim:

(a) l-Awstrija;
(b) Ċipru;
(ċ) ir-Repubblika Ċeka;
(d) id-Danimarka;
(e) l-Estonja;
(f) il-Finlandja;
(g) l-Ungerija;
(h) l-Iżlanda;
(i) l-Irlanda;
(j) il-Ġermanja;
(k) il-Latvja;
(l) il-Litwanja;

(m) il-Lussemburgu;
(n) in-Norveġja;
(o) l-Italja;
(p) Franza;
(q) is-Slovakkja;
(r) l-Iżvizzera;
(s) il-Greċja;
(t) il-Kroazja;
(u) Spanja;
(v) il-Polonja;
(w) il-Belġju;
(x) il-Bulgarija;
(y) l-Olanda;
(z) il-Kanada;
(aa) l-Awstralja;
(ab) New Zealand;
(aċ) il-Korea t'Isfel;
(ad) Andorra;
(ae) Monako;
(af) San Marino;
(ag) iċ-Ċina;
(ah) il-Belt tal-Vatikan;
(ai) Iżrael;
(aj) Singapor;
(ak) is-Slovenja;
(al) Ġibiltà;
(am) il-Ġappun;
(an) l-Istati Uniti tal-Amerika;
(ao) il-Portugall;
(ap) ir-Rumanija;
(aq) il-Libanu;
(ar) l-Emirati Għarab Magħquda;
(as) it-Turkija;
(at) il-Ġordan;
(au) il-Liechtenstein;
(av) l-Iżvezja;
(aw) il-Belarus;
(ax) il-Bożnija-Ħerżegovina;
(ay) Fiġi;
(az) il-Ġeorġja;

(ba) il-Gżejjer Faroe;
(bb) il-Kosovo;
(bċ) il-Maċedonja ta' Fuq;
(bd) il-Moldova;
(be) il-Vjetnam;
(bf) l-Eġittu;
(bg) il-Libja;
(bh) il-Qatar;
(bi) Kuba;
(bj) is-Serbja;
(bk) l-Albanija;
(bl) l-Armenja;
(bm) l-Arabja Sawdija;
(bn) ir-Renju Unit;
(bo) l-Ukrajna;
(bp) il-Bahrain;
(bq) il-Gabon;
(br) il-Kuwajt;
(bs) il-Maldivi;
(bt) Bermuda;
(bu) ir-Rwanda;
(bv) ir-Russja;
(bw) il-Mongolja;
(bx) Cabo Verde;
(by) in-Namibja;
(bz) Saint Kitts u Nevis;
(ċa) il-Mjanmar;
(ċb) il-Malasja;
(ċċ) it-Tuneżija;
(ċd) il-Marokk;
(ċe) l-Iraq;
(ċf) l-Afrika t'Isfel;
(ċg) it-Timor;
(ċh) l-Indja:"; u

(b) fir-raba' proviso tiegħu, il-kliem "COVID-19 test." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "COVID-19 test:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kull persuna li tirrisjedi fl-istess residenza ma' persuna li tkun soġġetta għall-kwarantina abbażi ta' dan l-Ordni trid issegwi l-istess perjodu ta' kwarantina.".